# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW (UE) 2019/508

## tat-22 ta' Marzu 2019

## li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 283(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew ([3]),

Billi:

(1) Il-mandat tas-Sur Peter PRAET, membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew, jiskadi fil-31 ta' Mejju 2019. Għaldaqstant huwa neċessarju li jinħatar membru ġdid tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(2) Il-Kunsill Ewropew jixtieq jaħtar lis-Sur Philip R. LANE li, fil-fehma tiegħu, jissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Philip R. LANE huwa b'dan maħtur membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin mill-1 ta' Ġunju 2019.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2019.

*Għall-Kunsill Ewropew*

*Il-President*

D. TUSK

([1]) ĠU C 60, 15.2.2019, p. 1.
([2]) Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Marzu 2019 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Opinjoni mogħtija fis-6 ta' Marzu 2019 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).